MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 541/2005/1

**Abraham Bonnici u ohtu Virginia Bonnici**
**ilkoll eredi tad-defunti genituri taghhom**
**Antonio u Rosanna nee` Bonnici**

**v.**

**Joero Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-3 ta’ Gunju 2005 li tghid hekk:

“Premess illi l-atturi b’cedola ta’ rkupru u kontestwali depozitu fir-Registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civili bin-numru 539/2005 annessa u markata dokument CED ezercitaw id-dritt ta’ rkupru successorju spettanti lill-istess atturi stante li saret vendita ta’ beni li jiffurmaw parti mis-successjoni ta’ Antonio u Rosanna konjugi Bonnici li mietu nhar il-25 ta’ Ottubru 2002 u 25 ta’ Mejju 1976 rispettivament u cioe’ l-fond ossia *garage* jew hanut tax-xoghol numru mitejn tnejn u tletin (232) Triq Santa Margerita, Siggiewi fejn Nicolina Agius u Gemma Gilford bieghu is-sehem taghhom lis-socjeta` kummercjali Joero Limited;

“Premess illi din ic-cedola ta’ rkupru u kontestwali depozitu gew introdotti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili stante li l-atturi huma ko-eredi u kompropjetarji ta’ l-istess fond li gie mibjugh kwantu ghas-sehem ta’ Nikolina Agius u Gemma Gilford;

“Premess illi hemm dritt ta’ l-irkupru successorju ta’ l-atturi u dan minhabba li jirrizultaw ir-rekwiziti kollha ta’ l-artiklu 912 tal-Kodici Civili u l-atturi ottemperaw ruhom mad-dispozizzjonijiet relattivi;

“Premess illi jehtieg illi jsir att notarili opportun ta’ rivendizzjoni li sar mehtieg in forza ta’ l-irkupru successorju ezercitat kontra s-socjeta` konvenuta;

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta il-ghala din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. tiddikjara u tiddeciedi li l-irkupru successorju ezercitat mill-atturi bic-cedola numru 539/2005 u kontestwali depozitu ghar-rivendizzjoni ta’ l-ishma tal-fond ossia *garage* jew hanut tax-xoghol numru mitejn tnejn u tletin (232) Triq Santa Margerita, Siggiewi huwa skond il-ligi;

“2. tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta halli ssir il-pubblikazzjoni ta’ l-att notarili ta’ rivendizzjoni opportuna ta’ l-ishma tal-fond ossia *garage* jew hanut tax-xoghol

numru mitejn tnejn u tletin (232) Triq Santa Margerita, Siggiewi;

“3. tinnomina nutar, kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tas-socjeta` konvenuta biex jidhru fuq l-att ta’ rivendizzjoni ghan-nom tas-socjeta` konvenuta u tiffissa l-modalitajiet kollha opportuni ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt;

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta ngunta in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-15 ta’ Gunju 2005 tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi ma jezistux ir-rekwiziti mehtiega ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 912 tal-Kodici Civili, billi l-eccipjenti akkwistat porzjoni diviza tal-immobbli in kwistjoni u mhux porzjoni ta’ eredita`, jew jeddijiet fuq wirt.

“2. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-irritwalita’ ta’ l-azzjoni billi ma gewx osservati l-proceduri u t-termini stabbiliti fl-Artikolu 912 tal-Kodici Civili.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“L-atturi kienu wirtu flimkien maz-zewg huthom ohra b’mod indiviz bejniethom garage mertu tal-kawza. Huthom bieghu sehemhom minn dana l-garage lis-socjeta` konvenuta u l-atturI ghamlu dina l-kawza biex jirkupraw is-sehem ta’ huthom li gie cedut lis-socjeta` konvenuta.

“Il-vertenza ticcentra fuq l-istatut ta’ l-irkupru successorju kif regolat bl-artikolu 912 tal-Kap. 16. Dan id-dispozittiv eccezzjonali, li hu ta’ applikazzjoni ristrettissima, jghodd fil-kaz meta wiehed mill-werrieta jkun ceda, b’titlu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werriet. F’dan il-kaz, il-werrieta l-ohra jistghu jeskludu lic-cessjonarju billi jithallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, oltre l-ispejjez li jkun ghamel fic-cessjoni.

“**PROVI**

“Abraham Bonnici xehed li hu u ohtu l-attrici, huma eredi tal-genituri taghhom Antonio u Rosanna nee Bonnici u li fil-garage in kwistjoni kellhom kwoti ndaqs flimkien ma huthom l-ohra Gemma Gilford u Nikolina Agius. Billi hu ma kienx jitkellem ma hutu u ried jixtri sehemhom, bintu Elsie Bonnici kienet qed tinnegozja maghhom biex hu jakkwista s-sehem indiviz ta’ hutu. Izda hutu ma riedux. Kien avvicinah Joe Vassallo, direttur tas-socjeta` konvenuta, biex jixtri l-garage izda hu ried li l-garage jibqa’ ghand il-familja taghhom. Vassallo mar ghand hutu u hajjarhom bieghulu sehemhom u fil-fatt dawk hekk ghamlu. Vassallo lilu qatt ma nnotifikah bl-att ta’ l-akkwist tal-garage, imma sar jaf mir-ricerki li ghamel. Wara kien avvicinah Vassallo biex jixtri sehemhu. L-attur jghid li barra dana l-garage, l-genituri tieghu kellhom ir-residenza taghhom u garage iehor. B’kollox kellhom tlett propjetajiet u kien hemm flus il-bank ukoll. Il-flus ghandhom ma qasmuhomx, il-garage l-iehor haditu Virginia, u r-residenza tal-genituri thalliet b’legat lill Virginia. Il-kawza qeda ssir fuq sehemhom tal-garage.

“Il-konvenut Joseph Vassallo fl-affidavit tieghu jghid li kien inegozja f’isem is-socjeta` konvenuta ma Nicolina Agius u Gemma Gilford biex jakkwista sehemhom mill-garage f’Triq Santa Margerita, Siggiewi, numru 232. Hu kien akkwista nofs il-garage u n-nofs l-iehor jappartjeni lill atturi kwart indiviz kull wiehed. Hu ma kienx xtara sehem mill-eredita` izda biss nofs indiviz tal-garage flimkien ma’ l-ghodda tax-xoghol. L-ahwa ghandhom propjeta’ ohra bejniethom gejja mill-istess wirt. Sakemm xtara dawn kienu ghadhom ma qasmux.

"**Kontestazzjonji**

"L-atturi qed jirritjenu li huthom l-ohra cedew b'titolu oneruz sehemhom indiviz meta l-wirt kien ghadu shih u mhux maqsum. Il-wirt kien jikkonsisti mill-garage de quo. Huthom cedew il-jeddijiet taghhom fuq il-wirt li kien hemm bejn l-ahwa lill barranin. Inoltre s-socjeta` konvenuta naqset li tinnotifika lill-atturi bit-trasferiment li sehh u ghalhekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 912(2) tal-Kap 16 ma japplikawx ghal dan il-kaz.

"Il-konvenuti qed jissottomettu li l-irkupru successorju huwa limitat biss ghall kazijiet fejn il-werriet jittrasferixxi kwota ereditarja integra intiza bhala prozjoni ta' unita attiva u passiva li tikkomponi l-eredita` tad-decujus u c-cessjoni ta' sehem indiviz minn beni partikolari ma taghtix lok ghall irkupru mill-werrieta l-ohra.

"**Ligi**

"Mill-fatti premessi jidher li l-punt involut huwa essenzjalment interpretazzjoni ta' l-Artikolu 912 tal-Kodici Civili.

"Jinsab provvdut fis-subinciz (1) tieghu illi:

""Jekk wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titolu oneruz, **il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt** lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-ohra jew wiehed jew izjed minnhom jistghu jeskludu lic-cessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jhallsu lilu l-prezz tac-cessjoni, l-ispejjez li jkun ghamel ghal dik ic-cessjoni, u l-imghaxijiet fuq il-prezz minn dakinhar li dak il-prezz ikun gie mhallas minnu lic-cedent.

"(2) Il-jedd li ghandhom il-werrieta l-ohra kif jinghad hawn fuq, jispicca wara xahar min-notifika li ssir lilhom ta' dik ic-cessjoni, kemm-il darba f'dak iz-zmien huma ma jiddikjarawx li jridu jezercitaw dak il-jedd.

"(3) Meta wiehed mill-werrieta jkun ezercita dak il-jedd, il-werrieta l-ohra jistghu jinghaqdu mieghu, basta li jiddikjaraw dan fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika maghmula lilhom.

"(4) Dawn in-notifiki u dikjarazzjonijiet ghandhom isiru b'att gudizzjarju."

"**Konsiderazzjonijiet**

"Ir-rekwizit biex tista' ssir l-azzjoni intentata mill-atturi ghall-irkupru successorju hija li tkun saret cessjoni b'titolu oneruz, ta' **jeddijiet fuq wirt** lil xi hadd li ma jkunx ukoll werriet. Il-ligi tiddistingwi bejn sitwazzjoni fejn in realta' dak li l-partijiet kontraenti kienu qeghdin jikkontemplaw kienet semplici vendita` ta' sehem indiviz ta' proprjeta` determinata u specifika mill-kaz fejn persuna kienet qeda takkwistaw xi kwota ereditarja, intiza din bhala porzjoni ta' unita` attiva u passiva li tikkomponi l-eredita` tad-decujus, (ara sentenza App Schembri vs Camilleri 12.6.01.)

"Fil-kaz in ezami l-konvenuti ma xtrawx porzjoni ta' eredita jew jeddijiet fuq wirt imma akkwistaw biss porzjoni diviza ta' immobbli partikolari, cjoe il-garage mertu ta' dina l-kawza, flimkien ma l-ghodda tax-xoghol. Ir-retratt successorju ma jistax jigi ezercitat meta c-cessjoni tirrigwarda oggett determinat ta' l-eredita`, anke jekk ikun l-uniku wiehed li baqa' indiviz. Ic-cessjoni li jaghmel koeredi ta' dritt tieghu f' immobbli specifiku mhix cessjoni tad-dritt successorju tieghu.

"Ghalkemm l-atturi jghidu fin nota taghhom li l-wirt kien jikkonsisti biss mill-garage de quo, fix-xhieda tieghu, Abraham Bonnici jghid li barra dana l-garage mertu tal-kawza, l-genituri tieghu kellhom ir-residenza taghhom u garage iehor. B'kollox kellhom tlett proprjetajiet u kien hemm flus il-bank ukoll. Il-flus ghadhom ma nqasmux, mentri l-garage l-iehor haditu Virginia, u r-residenza tal-genituri thalliet b'legat lil Virginia. Il-kawza qeda fuq sehemhom tal-garage.

“Illi ghalhekk jirrizulta li jonqos rekwizit ewlieni taht l-artikolu 912 biex l-azzjoni attrici tkun tista tirnexxi, konsegwentement it-talba taghhom ma tistax tigi milqugha. Ukoll, stante li l-atturi ma setghux jezercitaw l-azzjoni ghall irkupru successorju, lanqas ma tista’ tintlaqa’ s-sottomissjoni taghhom li l-konvenuti naqsu li jinnotifikawhom bit-trasferiment.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Bis-sahha ta’ din il-kawza, l-atturi qed jittentaw jikkonfermaw l-irkupru successorju li wettqu b’cedola numru 539/2005. Bis-sahha ta’ dik ic-cedola huma ezercitaw id-dritt li jallegaw li ghandhom li jirkupraw mill-pussess tas-socjeta` konvenuta s-sehem ta’ nofs indiviz tal-fond ossija garage jew hanut tax-xoghol numru 232, Triq Santa Margherita, Siggiewi, li s-socjeta` xtrat b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb tat-30 ta’ April, 2004, minghand Nicolina Agius, mart Nicholas, u Gemma Gilford, armla minn Victor, ahwa Bonnici, ko-eredi ma’ l-atturi fil-proprjeta` tal-istess fond. Is-socjeta` konvenuta ikkontestat il-pretensjoni tal-atturi billi argumentat li ma jezistux ir-rekwiziti mehtiega ghall-ezercizzju tad-dritt tal-irkupru successarju fit-termini tal-Artikolu 912 tal-Kodici Civili.

L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet attrici wara li qieset li peress li l-ko-eredi bieghu biss parti indiviza mill-proprjeta` li tifforma parti mill-assi tal-wirt u mhux is-sehem taghhom mill-wirt, l-eredi l-ohra ma setghux jezercitaw l-irkupru successorju.

L-atturi appellaw u sostnew li huma kellhom dritt jezercitaw l-irkupru peress li l-fond in kwistjoni kien l-uniku assi li kien fadal fil-wirt.

Dwar l-istitut ta' rkupru successarju, din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha fil-kawza "Micallef v. Difesa", moghtija fis-26 ta' Mejju, 2006, fejn intqal li d-dritt moghti mil-ligi ghall-irkupru successorju huwa "dispozittiv eccezzjonali u ta' applikazzjoni ristrettissima". Intqal ukoll li id-dispositiv jghodd "fil-kaz meta wiehed mill-werrieta jkun ceda, b'titlu oneruz, il-jeddijiet tieghu fuq il-wirt lil xi hadd li ma jkunx werrieta". Kompliet tghid ukoll li dan l-artikolu hu cirkoskritt unikament ghall-kaz ta' cessjoni tal-kwota ereditarja ossija 'tal-jeddijiet fuq il-wirt' da parti tal-ko-eredi. F'din l-istess kawza, fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, li giet konfermata minn din il-Qorti, kien intqal, b'pertinenza ghal dan il-kaz, li:

"Il-fatt li fost l-assi ta' [l-mejjet] kien ghad baqa' biss dik l-ghalqa specifika ma jgibx ghal daqshekk illi allura l-koeredi kienu qeghdin jittrasferixxu l-kwota ereditarja taghhom ghax kien baqa' biss dik il-proprjeta` ... Ic-cessjoni li jaghmel koeredi ta' dritt tieghu f'immobbli specifiku mhix cessjoni tad-dritt successorju tieghu."

Ic-cessjoni ta' sehem indiviz minn beni partikolari ma taghtix lok ghall-irkupru mill-werrieta l-ohra tal-mejjet meta s-sehem ereditarju tal-istess werriet ikun jikkomprendi aktar attiv jew passiv.

"*L'espressione diritto alla successione ha un senso preciso, essa e sinonimo di diritto ereditario; e d'uopo adunque che l'erede abbia ceduto il diritto che gli appartiene nella sua qualita` d'erede, vale a dire il diritto che tiene dalla legge o dalla volonta` del defunto ... la cessione e una vendita dell'eredita`, vale a dire d'**una universalita` giuridica, che comprende l'attivo ed il***

***passivo ereditario*** (**Laurent**, Diritto Civile, Delle Successioni, vol. X, para. 363).

"*L'espressione ... va intesa nel senso di cessione di una porzione frazionaria di beni ereditari nel loro complesso e non anche ... nel senso di alienazione di singoli beni ereditari. L'alienazione di quota ereditaria rientra, secondo la teoria preferibile (Cicu), nella figura della compravendita di eredita*`." (**Guido Capozzi**, Successioni e Donazioni, Tomo II, Giuffre, 1982, para. 301).

Issa, f'dan il-kaz, il-ko-eredi ma ttrasferewx is-sehem taghhom mill-wirt ta' Antonio u Rosanna konjugi Bonnici, bl-attiv u l-possiv kollu li jipposjedi dak il-wirt, izda certa proprjeta` partikolari, u kwindi l-irkupru successorju mhux ezercitabbli. Mhux biss ma jirrizultax li dan il-fond ossija garage huwa l-unika assi li fadal fil-wirt, izda f'kull kaz, ma jirrixultax li bl-att ta' trasferiment in kwistjoni, il-koncedenti Nicolina Agius u Gemma Gilford ittrasferew is-sehem mill-eredita` tal-genituri, u la darba ma ttrasferewx il-jeddijiet taghhom fuq il-wirt, il-ko-eredi l-ohra ma jistghux jipprocedu bl-azzjoni relattiva.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------